**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020**

**Talba Nru: 359/2019PM1**

**John Cassar (K.I. 104664(M)) ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Azzopardi Gzira Fish Shop'**

**Vs**

**Marouska Mizzi (K.I. 457583(M)) ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Spinola Terrace'**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlettax (13) ta' Novembru, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta'€3,176.72 bl-ispejjez kif ukoll il-mandat ta'sekwestru intavolat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax mid-data ta' kull fattura individwali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta.

Ra l-i*statements* u l-fatturi annessi mal-avviz tat-talba u ezebiti in atti minn fol. 3 sa fol. 24 tal-process.

Ra li l-konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tal-1 ta' Lulju, 2020, 9 ta' Lulju, 2020 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2020 u fil-fatt il-konvenuta ma deheritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-i*statements* u fatturi relattivi ezebiti in atti (wara li wiehed jghodd flimkien l-ammonti indikati f'fol. 3, fol. 8 u fol. 24. Tenut kont tal-fatt li s-somma mitluba tirrapprezenta prezz ta' prodotti mibjughin u kkonsenjati mill-attur lill-konvenuta ezercenti l-kummerc fl-istabiliment taghha l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru, kif mitlub, mid-dati tal-fatturi rispettivi a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess attur is-somma mitluba ta' tlett elef, mija u sitta u sebghin euro u tnejn u sebghin centezmi (€3,176.72) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-kawza u bl-imghax mid-data ta' kull fattura individwali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**